# Arkitettura u Ambjent: "Burning Down the House to Stay Warm"

Nirringrazzjakom ta' din l-istedina għal dan id-dibattitu tassew importanti. Nispera li f'dawn il-ftit minuti jirnexxili nurikom perspettiva arkitettonika ta' konċerni li jien personali għandi għall-futur tal-pajjiż għażiż tagħna.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, ħafna drabi l-ewwel kelma li tiġi f'moħħu hija l-kelma "Progress".

F'diversi films tal-futur, id-diretturi jirnexxilhom jagħtu impressjoni bil-progress u l-ħajja moderna tal-bniedem tal-futur. Fuq in-naħa l-oħra nsibu dawk il-kittieba illi jbeżżgħuna mill-futur, bħall-awtur George Orwell fil-ktieb tiegħu "1984".

Ħadd ma għandu jibża' mill-futur, imma wieħed irid joqgħod ferm attent biex fil-preżent nagħmlu deċiżjonijiet tajbin biex ma nagħmlux ħerba għall-futur.

---



MARTIN DE BONO iggradwa minn Kent State University, Ohio, fl-1984/85 b'Baċellerat tax-Xjenza fl-Arkitettura u Baċellerat fl-Arkitettura bl-enfasi fuq 'Urban City Design' fi bliet quddiem il-baħar. Fl-1984 studja l-arti u l-iżvilupp urban Taljan f'Firenze, Milan u Como. Ġie Malta fl-1986 fejn ħadem fuq uħud mill-proġetti l-kbar fejn inkorpora l-intern ma' l-estern.

"Il-bini mhux il-faċċata, huwa post fejn l-individwu jqatta' ħafna minn ħajtu, u jrid ikun disinjat biex jimmanifesta n-natura umana u jsebbaħ l-ħajja tal-persuna li tgħaddi minn din l-esperjenza. Għalhekk wieħed ma jistax jiddisinja l-faċċata ta' barra ta' post mingħajr ma jgħaqqad barra ma' ġewwa bħala *unit* wieħed."

Martin De Bono studja l-*Interior Design* fis-sezzjoni FCS ta' Kent State University u attenda għal korsijiet fit-teatru, *professional lighting* u l-arti biex ikabbar l-arkitettura interna u esterna tiegħu.

Wara l-Istati Uniti, l-Italja u Malta, Martin De Bono mar Sydney, l-Awstralja fejn qatta' erba' snin u nofs jaħdem fil-qasam ta' l-'Urban City Design', fejn ħadem fuq xogħlijiet ta' *renovation* ta' Harry Siedler b'kooperazzjoni ma' konsulenti barranin, fosthom fuq proġetti bħal Australia Square u MLC Centre.

Martin qiegħed lura Malta rikonuxxut fil-qasam tiegħu mill-organizzazzjonijiet kollha Ewropej u dinjin.

L-applikazzjoni tiegħu biex jipprattika l-arkitettura f'Malta hija datata Novembru 1985 u sal-lum, għaxar snin wara, minkejja sforzi ma jaqtgħu xejn u interventi fil-*media* għad ma kellu l-ebda evalwazzjoni uffiċċjali għall-applikazzjoni tiegħu mill-gvern.

M'aħniex sejrin nidħlu fil-kampanja jew il-baħar, dawn huma suġġetti oħra ferm importanti li l-pajjiż ġa qiegħed iħares lejhom bis-serjetà. Sejrin nitkellmu fuq l-ambjent li jespandi mill-bieb ta' barra tad-dar, sax-xogħol, l-iskola, jew xi mawra sal-ħanut fil-pjazza tar-raħal jew belt.

Il-biża' tiegħi hija li din il-kelma "Progress" tiġi użata bħala skuża biex jittieħdu deċiżjonijiet li bil-mod il-mod, il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin tmur lura flok 'il quddiem. Il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem naħseb li ftit li xejn tiġi kkunsidrata mill-ippjanar tal-Gvern preżenti. Inħarsu wkoll lejn min huwa parti milli jagħmel ċertu deċiżjonijiet ġo dan il-qasam f'Malta. Il-progress għandu jtejjeb u jżid fil-pjaċir tal-ħajja tal-bniedem u mhux inaqqas minnha.

Lanqas ma għandu jitħassar l-ambjent ta' ċertu nies 'żgħar', biex nies oħra ta' flus jew ta' poter igawdu l-qligħ. Hemm bżonn li nsibu soluzzjoni li tgħin lil kulħadd.

Jiena nħobb, u favur, tal-progress imma nobgħod meta fil-pajjiż tagħna tittieħed xi deċiżjoni li tolqot u tħassar il-kwalità tal-ħajja ta' xi raħal jew belt u tisma' xi politikant jgħid li bil-fors kellha ssir minħabba l-progress. Jew jgħid li dan huwa l-prezz tal-progress. Dan m'huwiex minnu, barra minn Malta hemm ħafna eżempji fejn il-gvern ikun ippropona xi ħaġa u n-nies bidlu d-deċiżjoni u sabu mezz ieħor aħjar biex kulħadd ikun ferħan.

Ma nixtieqx niftaħ kotba fuq il-*power station* li qiegħda tagħmel ħsara marittima kbira, imma nitkellmu fuq eżempju ieħor bħal ma huma l-*bypasses* il-ġodda. It-toroq il-ġodda maħdumin fi żmien qasir u fil-fehma tiegħi mingħajr ma ngħata l-istudju meħtieġ għal din il-bidla. F'ċertu *areas* dawn it-toroq ħassru l-kwalità tal-ħajja ta' dawk iċ-ċittadini li jgħixu fil-qrib tagħhom.

L-inġiniera, aktarx ftit minnhom barranin, forsi għenu t-traffiku imma l-ambjent mar ħażin ħafna. Hemm postijiet fejn l-irħula nqasmu kważi min-nofs, bħall-parti ta' Birkirkara. Inqasmu bi xmara kerha tat-traffiku għaddej bil-veloċità qawwija. Naraw skola fuq naħa u d-djar tar-residenti fuq l-oħra, mingħajr l-ebda metodu maħsub biex in-nies imorru minn naħa għal oħra.

Tibki tara t-tfal ta' l-iskola f'periklu li jitilfu ħajjithom biex jaqsmu t-triq bit-traffiku għaddej sparat. Tara l-*pets* tal-familja, qtates u klieb mejtin matul it-triq. Tara l-ġenituri li qabel kienu jħallu t-tfal jimxu ftit kantunieri sa l-iskola, issa ħafna minnhom iridu jwassluhom u jerġgħu jmorru għalihom għax hemm wisq perikolu. Fejn hu l-*environmental impact study* ta' dawn in-nies?

Seta' kien hemm diversi soluzzjonijiet biex ma jinħoloqx dan il-kaos bejn "Il-ħajja ta' kuljum ta' dawn in-nies" u "it-traffiku". Proġetti bħal dawn għandhom jiġu rretifikati mill-aktar fis possibbli.

Hemm bżonn ta' postijiet fejn il-karozzi jieqfu speċjalment fejn hemm id-djar fuq naħa waħda jew żewġ naħiet tat-triq.

Hemm bżonn kif semmejna, fejn in-nies jaqsmu t-toroq mingħajr periklu.

Hemm bżonn xi siġar jew *buffer zone* biex il-ħsejjes tal-karozzi għaddejjin erbgħa u għoxrin siegħa kull jum ma jdejjaqx in-nies li jgħixu hemm.

Hemm bżonn ta' ħafna affarijiet oħra, imma *l-akar ħaġa li* Hemm bżonn hija li ma nagħmlux jew inħallu min jagħmel l-istess żball.

Nitgħallmu ngħidu 'Le' għax Malta hi tal-Maltin kollha.

Fejn hu ċ-ċittadin f'dan it-tip ta' ppjanar?

Ġewwa Tas-Sliema, fil-parti bejn it-Tower Palace Hotel u t-Torri, ix-xemx għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar ma tiddix fuq il-bajja, ħlief irqajja' żgħar fejn fuq in-naħa l-oħra tat-triq baqa' xi dar antika lesta biex titwaqqa'.

Tidħaq jew aħjar tibki tara t-turisti kollha ġo roqgħa, jimxu u jersqu max-xemx, għax il-bajja wara nofs in-nhar taqa' fid-dlam. Din il-bajja li għandha mijiet ta' snin issa mhix sejra tara x-xemx, għal dejjem. Din hija ħsara kbira.

Nitgħallmu ngħidu 'Le' għax Malta hi tal-Maltin kollha.

Jiena tal-fehma li f'dawn l-aħħar għaxar snin sar iktar dannu ġewwa Tas-Sliema milli ġara fil-gwerra l-kbira.

Irridu nibqgħu ninsistu, ngħidu LE, sakemm il-qalb tal-ġebel tal-Gvern preżenti ssir qalb tal-laħam.

L-Ingliżi għandhom proverbju li jgħid "Burning down the house to stay warm". Fil-fehma tiegħi dak li qed jiġri f'pajjiżna bħalissa. Biex nakkomodaw il-preżent jista' jkun li qed neqirdu l-kwalità tal-ħajja fil-futur.

Hemm bżonn li noqogħdu attenti li l-iżvilupp li qegħdin nipproponu jkun jiflaħ għalih il-pajjiż. Ma nħallux lil min hu żaqqieq jesaġera li jagħmel li jrid.

Eżempju ieħor hu ta' Kemmuna fejn speċjalment fis-sajf ikun hemm ħafna nies jgħumu. Hemm xi żewġ bajjiet li ġa rriservati għal Hotel, it-turisti u l-Maltin jippakkjaw il-bajja ta' Santa Marija. Naf li intom forsi m'intomx *town planners* jew periti imma nistaqsikom: Hemm post fejn jinbnew bejn mija u mitejn appartamenti ġodda fuq li ġa hemm fil-villaġġ tat-turisti? Hemm post fejn il-lukanda tikber bid-doppju? Fejn ħa jmorru dawn it-turisti? Huma sejrin Santa Marija fejn hemm xi ħamsin jew sittin metru tul ramel u ġa mimlija bin-nies illum? Il-Malti mhux sejjer ikollu post fuq din il-gżira tant favorita tal-Maltin?

L-Imtarfa nbnew mijiet ta' appartamenti. *Blocks* kbar li lanqas jirrispettaw l-arkitettura eżistenti li kienet tiddomina din il-għolja. *Development* totalment *out of context*, imma dan m'huwiex biżżejjed. Għalfejn sejrin nibnu *maisonettes* fuq il-perimetru tal-*cliffs*? Ħadd ma jimportah li l-veduta minn post ewlieni bħaċ-*Chadwick Lakes* sejra titħassar? Sejrin inħassru din il-veduta għal dejjem? Għal kulħadd?

Irridu nitgħallmu ngħidu LE. Irridu nibqgħu ninsistu sakemm ma jibqax isir iżjed dannu ta' bla bżonn fuq Malta.

Jien għamilt diversi snin barra l-pajjiż, kont għext ħames snin l-Amerika, ħames snin l-Awstralja u diversi xhur fil-pajjizi ta' l-Ewropa.

Il-pajjiż tagħna mhux wieħed li hu ħafna 'l quddiem. Qegħdin ngħaddu minn affarijiet li pajjiżi oħra diġà għaddew minnhom. Nitgħallmu mill-iżbalji ta' ħaddieħor u mhux nerġgħu nagħmluhom aħna.

Il-kwalità tal-ħajja u l-ambjent ta' madwarna li ġie ffurmat tul mijiet ta' snin, m'għandux jinbidel minn ġurnata għal oħra, b'ċertu sens li jista' jingħad li hu *shortsighted* u *narrow minded.*

Niddejjaq meta nisma' x-xjuħ jgħidu li meta kienu żgħar l-irħula kienu tant sbieħ. In-nies kienu jiltaqgħu u jitkellmu fit-toroq. Illum l-istess nies kważi jibżgħu jmorru saħansitra sal-knisja għax il-mixja saret ta' periklu.

Il-kambjament huwa ħaġa tajba. Il-bniedem innifsu għaddej minn kambjamenti. In-natura dejjem toħloq verżjoni tal-bniedem aħjar minn ta' qabel. L-ambjent fejn jgħix il-bniedem għandu jkollu l-istess progress, m'għandniex immorru lura.

Il-falliment isir meta wieħed biex isolvi problema waħda joħloq għaxra oħra għax ma jkunx hemm biżżejjed konsiderazzjoni għall-effetti globali ta' din id-deċiżjoni.

Il-Gvern preżenti, fil-fehma tiegħi, qiegħed jagħmel żball kbir meta jħalli deċiżjonijiet u anki pożizzjonijiet importanti f'idejn il-barranin li ma jafux u ma jgħixux f'Malta kif għamlu l-Maltin.

Il-proċess li għadda minnu l-ambjent tagħna huwa totalment differenti minn dak tal-barranin li qed iġib il-Gvern ġewwa Malta. Il-kostitwenti tan-natura u t-tradizzjonijiet tal-bliet tagħna m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' ta' dawn in-nies. Id-differenza kif jgħixu dawn in-nies ġewwa pajjiżhom hija prova perfetta ta' dan l-argument.

Kif jista' wieħed iġib teknici barranin u jitħallew jieħdu deċiżjonijiet fil-qasam ta' l-ippjanar? Hemm il-periklu li dawn il-barranin jimponu l-ideat tagħhom li jaħdmu ġo pajjiżhom fuq Malta. Din m'hix ħaġa tajba għax flok immorru 'l quddiem ikollna nerġgħu nibnu dak li rrovinaw u b'hekk nibdew il-millennju b'erba' passi lura.

Hija ħaġa ridikola kieku kellu l-gvern Ingliż isejjaħ Perit Malti biex jagħmel il-pjan ta' struttura "waqt li periti Maltin li applikaw għal dan il-qasam ta' xogħol ġew irrifjutati."

Il-Gvern preżenti jidher li m'għandux fiduċja fil-periti Maltin. Dan ir-riżors uman Malti qed jingħata bis-sieq mill-Gvern. Qegħdin inħallsu ħafna flus mit-taxxi għal dawn il-barranin li Malta ma għandhiex bżonn. Jekk hemm il-Maltin lesti biex jagħmlu dan ix-xogħol għalfejn il-Gvern qiegħed iġib il-

barranin u jisparpalja l-flus tal-poplu? Għalfejn il-Gvern qiegħed jaħqar lill-Maltin biex ipaxxi lill-barranin. Din hija politika żbaljata.

Irid ikun hemm fiduċja fil-Maltin qabel ma Malta tmur 'il quddiem. Hemm bżonn li Malta tkun l-ewwel u qabel kollox u mhux li ngħarrquha bit-taxxi biex nagħtu pjaċir lill-barranin. Hemm bżonn li nkunu magħqudin bħal aħwa u titneħħa l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni li qiegħda ssir fuq il-Maltin.

Jekk ikollna l-għaqda, ikollna l-mezz biex insaħħu l-preżent u b'hekk jinħoloq l-aħjar makkinarju biex nagħmlu futur mill-isbaħ, fil-millennju l-ġdid.

Nirringrazzjakom.